*L-għana tar-riħ iwenwen,*
*Tax-xita nieżla qliel,*
*Tal-bjar bil-ġid jistagħnu,*
*Tar-ragħad jidwi għammiel,*

*Ifawwar bl-hena 'il qalbna*
*Daqs l-għana tal-għasfur,*
*Daqs ziffa mellisija*
*Fis-skiet ta' ġnien mistur;*

*Daqs mewġa li titbewwes*
*Maċ-ċagħak u mal-ħaxix;*
*Daqs bilbla fuq il-qasab*
*Tas-saqaf tal-għarix.*

*Il-bard, li b'sinntu jrekknek*
*Imgeddes ħdejn in-nar*
*Ngħożżuh daqs ir-rebbiegħa*
*Li timla l-ġnien biż-żahar.*

*Qalbna dejjem żagħżugħa*
*Għax ħielsa minn kull hemm*
*Ta' min żara' l-mibegħda*
*U ħasad dmugħ u demm.*

*Saltnati wild l-imħabba,*
*Saltnati dar il-ġid:*
*Tisboq kull saltna, għax fiha*
*Isaltan min irid!*

8-IV-54. GEORGE ZAMMIT.

## WARD U WARD

*Kif bexxaqt għajnejja ċkejkna*
*u tbissimt għall-ewwel darba*
*lil din l-art,*
*sibtni mdawwar b'hena u dija*
*fil-benniena qisha ġenna*
*kollha ward.*

*B'dawk l-uċuh ilkoll jidħkuli,*
*ifissduni u jmellsuni*
*b'ġenn ta' ferħ,*
*kont stħajjiltni f'ħolma msaħħra*
*ta' tgawdija, sliem u mħabba*
*u ta' serħ.*

*Min jaf mela għaliex jiena,*
*għalkemm hieni fil-benniena,*
*ġie li bkejt.*
*Tgħid kont nobsor x'ġej għalija*
*u jien, ċkejken, bżajt mill-ħajja*
*li kont bdejt?*

*Imma ħtieġli mmid riġlejja*
*għax il-ħajja dejjem miexja......*
*bla waqfien.*
*U tlaqt nimxi: fi tfuliti*
*żied il-ward fil-ġmiel u l-fwieħa*
*kullimkien.*

*Ġrew is-snin fil-għors tal-ħajja:*
*l-hena tiegħi ġera wrajja,*
*u ħassejt*
*lil kulħadd dal-hena f'qalbi*
*jaqsam miegħi — kif minn dejjem*
*jien ħabbejt.*

*Taru s-snin...... Intfiet bħal ħolma*
*dik il-ġenna ta' ħajjitna......*
*u ma tarġax.*
*Għajr tifkira ħelwa tagħha*
*tleħħ ġo qalbna biex taħqarna*
*ma tibqax.*

*Iss'għaddiet ma' nofs żgħożiti*
*u din qalbi ntebħet sewwa*
*li mal-ward*
*kiber f'daqqa x-xewk bla ħniena*
*u l-ward nixef tal-benniena,*
*waqa' fl-art......*

*Mnalla żżurni l-Poeżija*
*biex tgħattili x-xewk tal-ħajja*
*bl-isbaħ lwien,*
*ta' ward ieħor li jwennisni*
*u jtaffili d-diqa f'qalbi*
*fl-eħrex żmien!*

DUN FRANS CAMILLERI.